MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 329/2004

Kawza fil-lista: 37

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fit-12 ta' Marzu 2002 fir-Registru Pubbliku ta' Malta, il-Belt Valletta (certifikat taz-zwieg hawn taht anness u mmarkat Dokument A);

Premess illi l-kontendenti ghandhom tarbija wahda li jisimha D u li twieldet nhar id-19 ta' Novembru 2002, recte

[2001], (certifikat tat-twelid hawn taht anness u mmarkat Dokument B);

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' sevizzi, eccessi, theddid, vjolenza u ingurji gravi fil-konfront ta' l-attrici;

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut kif fuq premess u li ghalhekk il-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibli;

Premess illi b' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-30 ta' Lulju, 2004 (Digriet 553.04), l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi bis-separazzjoni personali minn mal-konvenut;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronuncja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli ghall-istess konvenut, u senjatament sevizzi, ingurji gravi, vjolenza u theddid fil-konfront ta' l-attrici;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' zewgha u li taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni ta' zewgha;

3. Tafda u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minorenni, wild komuni D li twieldet nhar id-19 ta' Novembru 2002, esklussivament lill-attrici;

4. Tiffissa manteniment u retta alimentarja ghaliha u ghal bintha komuni skond dawk il-provvedimenti li jidrulha xierqa u opportuni u tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess bil-modalitajiet ta' zmien u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti;

5. Tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddividi u tassenja liz-zewg partijiet il-porzjon kif ikun xieraq skond il-ligi;

6. Taghti kwalunkwe provvediment iehor li jidrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa' kontumaci;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Mark Chetcuti minnu debitament mahlufa u li tinsab esebita a fols.62 sa 70 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Separazzjoni Personali**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut u dan ghar-ragunijiet imputabbli lilu fit-termini ta' l-Artikolu 40 tal-Kap.16.

Illi mill-provi jirrizulta li fis-sena 2001 l-attrici, mara ta' nazzjonalita' ingliza, qabbdet relazzjoni mal-konvenut, ta' nazzjonalita' Libjana, u wara ftit xhur, fis-19 ta' Novembru 2001 twieldet it-tifla D Leila minn din ir-relazzjoni. Sussegwentement fit-12 ta' Marzu 2002 il-partijiet izzewwgu bir-rit civili, biex jigu sorvolati l-problemi riskontrati mill-konvenut relatati mal-visa tieghu.

Illi fil-hajja matrimonjali l-konvenut wera ruhhu persuna rresponsabbli u aggressiv, ghazzien u ma jiehux kura la ta' martu u lanqas ta' bintu. L-attrici tghid li kien hemm okkazzjonijiet li l-konvenuta sawwat lilha u anke lil binthom. Dawn l-okkazzjonijiet kienu frekwenti Hija tghid li din l-aggressivita' da parti tal-konvenut kompliet tikber tul iz-zwieg, sa kemm fl-ahhar ma felhitx aktar u kellha titlaq mid-dar matrimonjali bit-tifla.

In propositu l-Qorti taqblel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjoni raggjunta mill-perit legali u taddottahom. Ma hemmx dubju li l-konvenut fiz-zwieg irrenda ruhhu hati ta' atti ta' sevizzi, mohqrija u ngurji gravi fil-konfront ta' l-attrici u binthom li kienu rrendew il-hajja konjugali nsapportabbli ghall-istesss attrici li allura kienet gustifikata li titlaq mid-dar konjugali.

**Kura u Kustodja**
Mill-provi jirrizulta manifest li l-interessi tal-minuri jirrikjedu li l-attrici tibqa' fdata bil-kura u kustodja tal-minuri D bid-dritt ta' access tal-missier kull nhar ta' Sibt bejn 12.00 pm sal-5.00 pm.

**Manteniment**
Illi l-attrici ddikjarat li hija qeda tahdem u ghalhekk mhux qed tinsisti fuq manteniment ghaliha f' dan l-istadju; izda qeda titlob manteniment adegwat minghand il-konvenut sabiex tlahhaq ma' l-ispejjez tal-minuri, kemm dawk relatati ma' l-edukazzjoni, kif ukoll dawk relatati mas-sahha tal-minuri. Fin-nota taghha prezentat fl-1 ta' Gunju 2006 l-attrici ssollevat li hi ma tippercepixxi ebda children's allowance, u li lill-minuri tibghata skola privata, u ghalhekk talbet manteniment ta' LM200 fix-xahar.

Il-Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz, tikkonsidera li f' dan il-kaz il-manteniment li ghandu jikkontribwixxi l-konvenut ghal bintu minuri ghandu jkun ta' Lm160 kull erba gimghat, kunsidrat ukoll il-fatt li l-attrici ghandha l-potenzjal li tahdem u tati hi wkoll il-kontribut ghall-manteniment ta' binthom.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi fin-nota taghha l-attrici tiddikjara li ma hemm xejn fil-komunjoni ta' l-akkwisti x' jinqasam, u ghalhekk din il-Qorti f' dan ir-rigward tillimita billi tipprovdi li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha titqies bhala xjolta mit-22 ta' Settembru 2004, u li kwalsiasi dejn li talvolta ghamel il-konvenut minghajr il-kunsens bil-miktub ta' l-attrici ghandu jibqa' unikament a kariku tal-konvenut.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif ser jinghad:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet hemm indikati, unikament imputabbli lill-konvenut;

[2] tilaq’ t-tieni talba;

[3] tilqa’ t-tielet talba u tafda l-kura u kustodja tal-minuri D lill-attrici, bid-dritt ta’ access ghal konvenut kull nhar ta’ Sibt mill-12.00 pm sal-5.00pm;

[4] tilqa’ r-raba talba kif ser jinghad:

[a] illi, ghalkemm fil-prezent l-attrici mhux qed tinsisti ghal manteniment minnghand il-konvenut stante li hi taghmel xoghol bi qligh, il-Qorti tafferma d-dritt ta’ l-attrici li tippercepixxi minghand il-konvenut manteniment ghaliha, kemm il-darba dina tieqaf tahdem, u dan stante li huwa l-persuna hatja ghas-separazzjoni personali;

[b] illi l-konvenut huwa obbligat li jivversa lill-attrici kull erba gimghat bil-quddiem is-somma ta’ mija u sittin lira maltin [Lm160] bhala l-kontribut tieghu ghal manteniment ta’ binthom minuri, liema retta alimentarja tinkludi l-ispejjez kollha relatati ma’ l-edukazzjoni u sahha tal-minuri;

[5] tilqa’ il-hames talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b’ effett mit-22 ta’ Settembru 2004; u tordna li kwalsiasi dejn li talvolta ghamel il-konvenut minghajr il-kunsens bil-miktub ta’ l-attrici ghandu jibqa’ unikament a kariku tal-konvenut;

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------